

D.03.ORG - Avviż tal-Infommazzjoni għall-Pazjenti li jivvjaġġaw lejn il-Greċja

Avviż tal-Infommazzjoni għall-Pazjenti tal-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika

Meta pazjent jivvjaġġa lejn il-GREĊJA

1. Għan tal-Avviż tal-Infommazzjoni għall-Pazjenti

Skont l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (GDPR), dan l-avviż għandu l-għan li jinforma lill-pazjenti (residenti Ewropej) li jivvjaġġaw lejn il-Greċja b' mod konċiż, trasparenti, intelliġibbli u awto-spjegatorju dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa f' kuntast transfruntier.

2. X'inhil-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika?

L-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika (l-eHDSI jew id-DSI tas-Saħħa Elettronika) tipprovdi aċċess sigur u faċli lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa involuti fit-trattament u/jew fid-distribuzzjoni tal-mediċini, għad-*data* medika tar-residenti tal-Unjoni Ewropea (l-UE). L-eHDSI hi sistema elettronika transfruntiera li toffri mezz sigur u sempliċi lir-residenti Ewropej, skont id-dispożizzjonijiet legali stabbiliti fil-GDPR u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE rilevanti, biex jittrasferixxu d-*data* tas-saħħa tagħhom, jekk ikollhom bżonn jużaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa barra minn pajjiżhom, permezz ta' portal diġitali sigur mogħti mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa Elettronika (NCPeH) kif imfassal minn kull pajjiż. Id-*data* personali tal-pazjenti tiġi pproċessata skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż tat-trattament.

3. Liema kategoriji tad-*data* jiġu pproċessati?

Id-*data* medika tiegħek inkluża fis-sommarju tal-pazjent u inkluża fir-riċetti u d-dispensar elettroniċi tinġabar u tiġi pproċessata fil-pajjiż tar-residenza tiegħek, u mbagħad issir disponibbli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-Greċja ħalli tkun tista' tibbenefika minn servizzi transfruntieri tas-saħħa fil-Greċja. Id-*data* li ssir disponibbli tista' tinqasam f'żewġ (2) kategoriji prinċipali:

- Id-*data* demografika, bħad-dettalji tal-kuntatt tal-pazjenti, in-numru tal-formola tal-identifikazzjoni, u l-bqija, li tintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni, u
- Kategoriji speċjali tad-*data*, bħad-*data* medika inkluża fis-sommarju tal-pazjent u inkluża fir-riċetti u d-dispensar elettroniċi, li jiġu trasferiti permezz tal-eHDSI.

Din ta' hawn fuq tinkludi d-*data* tas-saħħa kollha relatata mal-pazjenti li tiġi aċċessata għal finijiet ta' għoti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa fil-Greċja. L-unika kundizzjoni hi li d-*data* personali tiegħek jeħtieġ tkun diġà rreġistrata fil-forma elettronika fil-pajjiż tar-residenza tiegħek. Minbarra d-*data* aċċessata fil-pajjiż tar-residenza tiegħek, id-*data* tas-saħħa tista' tinġabar fil-post fejn tkun u tinħażen b'format elettroniku jew stampat fil-post tal-għoti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Din id-*data* se tiġi pproċessata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE rilevanti.

4. Fuq liema bażi tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħek?

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-*data* personali, bħad-*data* demografika jew tal-identifikazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt hija l-Artikolu 6, il-paragrafi 1(c) u (e) tal-GDPR (“*l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur;*” u “*l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur*”).

Il-bażi legali għall-ipproċessar tal-kategoriji speċjali tad-*data*, bħad-*data* tas-saħħa, hija l-Artikolu 9, il-paragrafi 2(h) u (i) tal-GDPR (“*l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet ta' mediċina preventiva jew okkupazzjonali..., dijanjożi medika, il-forniment ta' kura tas-saħħa jew soċjali jew trattament...*” u “*l-ipproċessar ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika, bħall-protezzjoni minn theddid transfruntier serju għas-saħħa jew biex jiġu żgurati standards għoljin tal-kwalità u tas-sikurezza tal-kura tas-saħħa...*”)

Barra minn hekk, id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata skont id-dispożizzjonijiet ta':

- il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tal-Greċja (L.4213 / 2013, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' L.3418 / 2005, L.3892 / 2010, l-Artikoli 83, 84 ta' L.4600 / 2019 u l-Artikolu 28 ta' L.4913/2022, kif jaf jiġu emendati u japplikaw).
- il-Ftehim bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali jew l-Organizzazzjonijiet Nazzjonali responsabbli mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa Elettronika, dwar il-Kriterji meħtieġa għall-parteċipazzjoni fis-Sistemi Transfruntieri tal-Infurmazzjoni tas-Saħħa tal-Elettronika.

5. Għalfejn tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata biss għall-finijiet ta' għoti tas-servizzi transfruntieri tal-kura tas-saħħa, eż. trattament mediku u/jew għoti ta' mediċini. Fil-Greċja, id-*data* tiegħek tista' tintuża wkoll biex isiru analiżijiet epidemjoloġiċi, statistiċi, finanzjarji, amministrattivi u ta' ġestjoni ħalli jittejbu l-indikaturi tas-saħħa u l-kwalità tas-servizzi mogħtija. F'dak il-każ, id-*data* tiegħek tiġi anonimizzata. Dan l-ipproċessar hu regolat bil-Liġi Griega 4487/2017 (Riforma

tal-Kura tas-Saħħa Primarja, Regolamenti urġenti mill-Ministeru tas-Saħħa u dispożizzjonijiet oħra) u l-Artikolu 5, il-paragrafu 1(b), l-Artikolu 9, il-paragrafu 2(j) u l-Premessa 89 tal-GDPR.

6. Min jista' jaċċessa d-*data* tiegħek?

Il-Ministeru Grieg tas-Saħħa hu l-kontrollur tad-*data*, filwaqt li l-IDIKA S.A. (il-Gvern Elettroniku tas-Sigurtà Soċjali) hu l-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data*. Id-*data* tiegħek se ssir disponibbli biss għall-professjonisti awtorizzati tal-kura tas-saħħa li huma involuti fit-trattament tiegħek jew fl-għoti tal-mediċini, u huma marbuta bil-leġiżlazzjoni rilevanti u bil-Kodiċijiet tal-Etika fejn jidħlu l-obbligi tal-kunfidenzjalità professjonali u l-ipproċessar tad-*data* personali. Il-Greċja impenjat ruħha biex tiżgura li kull professjonist tal-kura tas-saħħa fit-territorju tagħha jkun imħarreġ kif xieraq u ffurmat professjonalment biex jissodisfa l-obbligi tiegħu relatati mas-servizzi tal-eHDSI. Finalment, id-*data* inkluża fis-sommarju tal-pazjent se tkun aċċessibbli minn portal diġitali sigur mogħti mill-pajjiżi parteċipanti tal-eHDSI.

7. Fejn se tinħażen id-*data* personali u għal kemm żmien?

Id-*data* tiegħek se tinħażen fis-sistemi tal-informazzjoni tal-organizzazzjonijiet li jipproċessaw id-*data* fil-pajjiż tar-residenza tiegħek u fil-Greċja. Id-*data* personali tista' tinħażen biss għal kemm ikun meħtieġ għall-finijiet li għalihom ikun qed isir l-ipproċessar, u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar iż-żamma tad-*data* tas-saħħa. Barra minn hekk, id-*data* tista' tinħażen għal perjodi itwal biss għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku u għal finijiet ta' riċerka xjentifika u storika, filwaqt li jitħaddmu s-salvagwardji partikolari tal-privatezza (anonimizzazzjoni).

8. Id-drittijiet tiegħek

Rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek għal finijiet ta' għoti transfruntier tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inti tista':

- teżerċita d-drittijiet tiegħek għal informazzjoni u aċċess għad-*data* tiegħek, u
- titlob korrezzjoni ta' xi *data* mhux eżatta skont l-Artikolu 16 tal-GDPR.

Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fil-GDPR u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, inti tista' wkoll:

- titlob tħassir ta' xi *data* skont l-Artikolu 17 tal-GDPR, u
- toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tiegħek skont l-Artikolu 21 tal-GDPR.

Għandek ukoll id-dritt li tappella quddiem l-Awtorità Griega tal-Protezzjoni tad-*Data* dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek li jsir fil-Greċja. Fuq il-website <http://www.dpa.gr> tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kompetenza tal-Awtorità u l-proċedura tas-sottomissjoni tal-ilmenti.

9. Informazzjoni tal-kuntatt

Il-Kontrollur tad-Data:

Il-Ministeru tas-Saħħa - Taqsima tal-Gvern Elettroniku [email: myHealthEU@moh.gov.gr]

Il-Ministeru tas-Saħħa - Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) [email: dpo@moh.gov.gr]

Il-Proċessur tad-Data:

IDIKA S.A. - Help Desk [email: servicedesk@ncpehealth.gr]

IDIKA S.A. - Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) [email: dpo@idika.gr]